# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 41/2022 ISB**

**Terra Mediterranea Limited (C 24152) u Champs Mediterrain Limited (C 31208)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji u b'digriet tal-20 ta' Ġunju 2022, ġie kjamat fil-kawża Domenico Savio Spiteri KI 16160G**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Terra Mediterranea Limited u Champs Mediterrain Limited**, intavolat fit-12 ta' April 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

***(i)*** *Tordna li l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 li ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji b'effett mis-7 ta' Marzu 2021 jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji miżmum mill-intimat ai termini tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

***(ii)*** *Tordna li r-Reġistratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Reġistratur intimat għar-reġistrazzjoni kopja uffiċjali ta' l-Ordni mogħtija fuq it-talba preċedenti;*

***(iii)*** *Tagħti dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni biex il-kumpannija Spiteri Holdings Limited u l-persuni kollha jitqiegħdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun viċin daqs li kieku l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited qatt ma ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

***(iv)*** *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji ntimat jippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website miżmuma mill-istess Reġistratur intimat u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta;*

***(v)*** *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji ntimat idaħħal l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 fir-Reġistru minnu miżmum skond il-liġi;*

U dan wara li ppermettew:

***1.*** *ILLI, permezz ta' provvediment tat-23 ta' Frar 2016 fl-ismijiet* ***<u>Terra Mediterranea Limited et vs Reġistratur tas-Soċjetajiet</u>*** *(rikors numru 39/2016), din l-Onorabbli Qorti, ġja' l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji ntimat jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex il-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 (minn issa 'l quddiem "Spiteri Holdings") terġa' tidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji, wara li l-isem ta' l-istess kumpannija ġie mħassar minn fuq l-istess Reġistru bis-saħħa tas-sub-inċiż (2) ta' l-Artikolu 325 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji [Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta] b'effett mid-19 t'Awwissu 2011;*

***2.*** *ILLI dan il-provvediment kien ingħata fuq talba ta' l-istess kumpanniji llum esponenti ai termini tas-sub-inċiż (4) ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386, wara li huma spjegaw dettaljatament dwar il-ħtieġa li l-isem ta' Spiteri Holdings jinżamm fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minħabba li jeżistu sensiela ta' proċeduri, ilkoll rigwardanti artijiet ġewwa l-Ibragg, Swieqi li l-kumpanniji esponenti akkwistaw mingħand Spiteri Holdings permezz ta' sitt kuntratti – wieħed ta' l-1 ta' Novembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dr John Patrick Hayman, wieħed tal-15 ta' Lulju 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella, u erbgħa ta' l-4 ta' Ġunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Antoine Agius – fejn qiegħed jiġi kkontestat t-titolu tal-kumpanniji esponenti fuq l-istess artijiet wara li, fuq l-istess kuntratti, Spiteri Holdings ggarantiet il-paċifiku pussess u reali godiment ta' l-istess artijiet favur l-istess esponenti;*

***3.*** *ILLI fir-rikors numru 39/2016, il-kumpanniji esponenti ndikaw li fost dawn il-proċeduri hemm:*

***(a)*** *dawk mressqa permezz taċ-ċitazzjoni numru 299/2004 MCH fl-ismijiet **Elton Penza et vs Terra Mediterranea Limited et**, li fihom qiegħed jintalab, inter alia, ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tat-23 t'Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Vassallo, illi permezz tiegħu l-kumpannija esponenti Terra Mediterranea Limited biegħet u ttrasferiet lil Elton u Cheryll konjuġi Penza il-maisonette bl-isem "Cher El" fi Triq Wied Mejxu, l-Ibragg, Swieqi flimkien mal-garaxx immarkat numru 1 u car-port komuni; il-konsegwenzjali rifużjoni tal-prezz imħallas lill-istess kumpannija esponenti fuq l-istess kuntratt ta' trasferiment, flimkien ma' somma ulterjuri allegatament sburzata mill-istess konjuġi Penza sabiex l-istess proprjeta', li nxtrat fi stat ta' ġebel u saqaf, tiġi reża abitabbli; u kif ukoll il-ħlas tad-danni rappreżentanti d-differenza fil-prezz bejn dak li bih l-istess konjuġi Penza xtraw il-proprjeta' in kwistjoni u l-prezz fuq is-suq ta' l-istess proprjeta' fid-data li jiġu finalment deċiżi l-istess proċeduri hawn fuq ċitati ossija meta l-atturi konjuġi Penza jiġu żgumbrati mill-istess proprjeta';*

*B'digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Ġunju 2004 fl-atti ta' dawn il-proċeduri, Spiteri Holdings addirittura ġiet kjamata fil-kawża sabiex hija wkoll twieġeb għat-talbiet attriċi;*

**(b)** *dawk mressqa permezz tar-rikors ġuramentat numru 125/2011 MCH fl-ismijiet **Leonard Sciberras vs Terra Mediterranea Limited et**, li fihom qiegħed jintalab, inter alia, ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tat-8 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Peter Carbonaro, illi permezz tiegħu l-kumpannija esponenti Terra Mediterranea Limited biegħet u ttrasferiet lill-imsemmi Leonard Sciberras il-mezzanin bla numru u sitwat fl-ewwel sular, bl-arja libera tiegħu fi Triq Wied Mejxu, L-Ibragg, Swieqi, flimkien mal-garaxx internament immarkat numru 7 u car-port komuni; il-konsegwenzjali rifużjoni tal-prezz imħallas lill-istess kumpannija esponenti fuq l-istess kuntratt ta' trasferiment, flimkien ma' somma ulterjuri allegatament sburzata mill-istess Leonard Sciberras sabiex l-istess proprjeta', li nxtrat fi stat ta' ġebel u saqaf, tiġi reża abitabbli; u kif ukoll il-ħlas tad-danni rappreżentanti d-differenza fil-prezz bejn dak li bih inxtrat il-proprjeta' in kwistjoni u l-prezz fuq is-suq ta' l-istess proprjeta' fid-data li jiġu finalment deċiżi l-istess proċeduri hawn fuq ċitati ossija meta l-attur Leonard Sciberras jiġi żgumbrat mill-istess proprjeta';*

*B'digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Mejju 2011 fl-atti ta' dawn il-proċeduri, Spiteri Holdings ukoll ġiet kjamata fil-kawża sabiex twieġeb għat-talbiet attriċi; u*

**(c)** *dawk imressqa mill-kumpanniji esponenti stess permezz taċ-ċitazzjoni numru 489/2004 MCH fl-ismijiet **Champs Mediterrain Limited et vs Id-Direttur ta' l-Artijiet et**, li fihom qiegħed jintalab illi tiġi dikjarata nulla r-reġistrazzjoni ta' l-artijiet deskritti fis-sitt kuntratti suriferiti fil-paragrafu bin-numru 2, favur il-Gvern ta' Malta, illi qiegħed jippretendi illi huwa l-uniku sid ta' l-istess artijiet;*

**4.** *ILLI r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien debitament intimat fil-proċeduri bin-numru 39/2016, ippreżenta r-risposta tiegħu fl-*

*atti ta' l-istess proċeduri, u ħa parti attiva fl-istess proċeduri, u għalhekk kien pjenament konxju li din l-Onorabbli Qorti, ġja' l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat li Spiteri Holdings kellha terġa' tidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji minħabba li, fin-nuqqas, kien se jiġi kkawżat preġudizzju lill-kumpanniji esponenti, bil-mod testwalment segwenti:*

*"Għar-rigward tal-każ tal-lum, din il-Qorti tgħid illi r-rikorrenti jikkwalifikaw biex jitolbu rimedju skond is-sub-artikolu (4) billi huma persuni li għandhom interess. [...] Fil-każ ta' persuni b'interess, il-liġi testwalment ma tirreferix għal preġudizzju pero' huwa evidenti li l-preġudizzju huwa konsiderazzjoni li tkun trid tagħti l-Qorti kemm għar-rigward ta' min ikun qiegħed jagħmel it-talba, kif ukoll għall-fondatezza tar-raġunijiet tiegħu";*

**5.** *ILLI l-proċeduri kollha suriferiti fil-paragrafu bin-numru 3 li minħabba fihom hemm il-ħtieġa li l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 jinżamm fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji (u anke dawk mhux speċifikati), għadhom ma ġewx deċiżi b'mod finali sal-ġurnata tal-lum – din l-informazzjoni tinstab fid-dominju pubbliku u setgħet ġiet ivverifikata mir-Reġistratur tal-Kumpanniji faċilment;*

**6.** *ILLI konsegwentement, sal-ġurnata tal-lum, it-tħassir mir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 se jikkawża preġudizzju lill-kumpanniji esponenti;*

**7.** *ILLI madanakollu, l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 reġa' ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, għal darb'oħra ai termini tas-sub-inċiż (2) ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386, b'effett mis-7 ta' Marzu 2021;*

**8.** *ILLI konsegwentement, il-kumpanniji esponenti għandhom interess li jħossuhom aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited reġa' ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji bis-saħħa ta' l-imsemmi sub-inċiż (2) ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386, u għalhekk l-esponenti*

*umilment isostnu li huwa xieraq illi l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited jerġa' jidħol fir-Reġistru, sew sabiex l-istess kumpannija tibqa' twieġeb għat-talbiet attriċi fil-proċeduri hawn fuq indikati, u sew sabiex l-esponenti ma jiġux ippreġudikati fid-drittijiet legali tagħhom kontra l-istess kumpannija, partikolarment f'każ ta' eżitu sfavorevoli fil-proċeduri suriferiti fil-paragrafu bin-numru 3, ilkoll rigwardanti l-artijiet formanti l-oġġett tas-sitt kuntratti suriferiti fil-paragrafu bin-numru 2;*

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' April 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2022 f'12:00 p.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fl-1 ta' Ġunju 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 7) bid-dokument hemmek anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*ILLI, permezz ta' provvediment tat-23 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Terra Mediterranea Limited et vs Reġistratur tas-Soċjetajiet** (rikors numru 39/2016), din l-Onorabbli Qorti, ġja' l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji ntimat jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex il-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 (minn issa 'l quddiem "Spiteri Holdings") terġa' tidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji, wara li l-isem ta' l-istess kumpannija ġie mħassar minn fuq l-istess Reġistru bis-saħħa tas-sub-inċiż (2) ta' l-Artikolu 325 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji [Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta] b'effett mid-19 t'Awwissu 2011;*

*ILLI dan il-provvediment kien ingħata fuq talba ta' l-istess kumpanniji llum esponenti ai termini tas-sub-inċiż (4) ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386, wara li huma spjegaw dettaljatament dwar il-ħtieġa li l-isem ta' Spiteri Holdings jinżamm fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minħabba li jeżistu sensiela ta' proċeduri, ilkoll rigwardanti artijiet ġewwa l-Ibragg, Swieqi li l-kumpanniji esponenti akkwistaw mingħand Spiteri Holdings permezz ta' sitt kuntratti – wieħed ta' l-1 ta' Novembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dr John Patrick Hayman, wieħed tal-15 ta' Lulju 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella, u erbgħa ta' l-4 ta' Ġunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Antoine Agius – fejn qiegħed jiġi kkontestat t-titolu tal-*

*kumpanniji esponenti fuq l-istess artijiet wara li, fuq l-istess kuntratti, Spiteri Holdings ggarantiet il-paċifiku pussess u reali godiment ta' l-istess artijiet favur l-istess esponenti;*

*ILLI fir-rikors numru 39/2016, il-kumpanniji esponenti ndikaw li fost dawn il-proċeduri hemm:*

*dawk mressqa permezz taċ-ċitazzjoni numru 299/2004 MCH fl-ismijiet* ***Elton Penza et vs Terra Mediterranea Limited et****, li fihom qiegħed jintalab, inter alia, ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tat-23 t'Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Vassallo, illi permezz tiegħu l-kumpannija esponenti Terra Mediterranea Limited biegħet u ttrasferiet lil Elton u Cheryll konjuġi Penza il-maisonette bl-isem "Cher El" fi Triq Wied Mejxu, l-Ibragg, Swieqi flimkien mal-garaxx immarkat numru 1 u car-port komuni; il-konsegwenzjali rifużjoni tal-prezz imħallas lill-istess kumpannija esponenti fuq l-istess kuntratt ta' trasferiment, flimkien ma' somma ulterjuri allegatament sburzata mill-istess konjuġi Penza sabiex l-istess proprjeta', li nxtrat fi stat ta' ġebel u saqaf, tiġi reża abitabbli; u kif ukoll il-ħlas tad-danni rappreżentanti d-differenza fil-prezz bejn dak li bih l-istess konjuġi Penza xtraw il-proprjeta' in kwistjoni u l-prezz fuq is-suq ta' l-istess proprjeta' fid-data li jiġu finalment deċiżi l-istess proċeduri hawn fuq ċitati ossija meta l-atturi konjuġi Penza jiġu żgumbrati mill-istess proprjeta';*

*B'digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Ġunju 2004 fl-atti ta' dawn il-proċeduri, Spiteri Holdings addirittura ġiet kjamata fil-kawża sabiex hija wkoll twieġeb għat-talbiet attriċi;*

*dawk mressqa permezz tar-rikors ġuramentat numru 125/2011 MCH fl-ismijiet* ***Leonard Sciberras vs Terra Mediterranea Limited et****, li fihom qiegħed jintalab, inter alia, ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tat-8 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Peter Carbonaro, illi permezz tiegħu l-kumpannija esponenti Terra Mediterranea Limited biegħet u ttrasferiet lill-imsemmi Leonard Sciberras il-mezzanin bla numru u sitwat fl-ewwel sular, bl-arja libera tiegħu fi Triq Wied Mejxu, L-Ibragg, Swieqi, flimkien mal-garaxx internament immarkat numru 7 u car-port komuni; il-konsegwenzjali rifużjoni tal-prezz imħallas lill-istess kumpannija esponenti fuq l-istess kuntratt ta' trasferiment, flimkien ma'*

*somma ulterjuri allegatament sburzata mill-istess Leonard Sciberras sabiex l-istess proprjeta', li nxtrat fi stat ta' ġebel u saqaf, tiġi reża abitabbli; u kif ukoll il-ħlas tad-danni rappreżentanti d-differenza fil-prezz bejn dak li bih inxtrat il-proprjeta' in kwistjoni u l-prezz fuq is-suq ta' l-istess proprjeta' fid-data li jiġu finalment deċiżi l-istess proċeduri hawn fuq ċitati ossija meta l-attur Leonard Sciberras jiġi żgumbrat mill-istess proprjeta';*

*B'digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Mejju 2011 fl-atti ta' dawn il-proċeduri, Spiteri Holdings ukoll ġiet kjamata fil-kawża sabiex twieġeb għat-talbiet attriċi; u*

*dawk imressqa mill-kumpanniji esponenti stess permezz taċ-ċitazzjoni numru 489/2004 MCH fl-ismijiet* ***Champs Mediterrain Limited et vs Id-Direttur ta' l-Artijiet et****, li fihom qiegħed jintalab illi tiġi dikjarata nulla r-reġistrazzjoni ta' l-artijiet deskritti fis-sitt kuntratti suriferiti fil-paragrafu bin-numru 2, favur il-Gvern ta' Malta, illi qiegħed jippretendi illi huwa l-uniku sid ta' l-istess artijiet;*

*ILLI r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien debitament intimat fil-proċeduri bin-numru 39/2016, ippreżenta r-risposta tiegħu fl-atti ta' l-istess proċeduri, u ħa parti attiva fl-istess proċeduri, u għalhekk kien pjenament konxju li din l-Onorabbli Qorti, ġja' l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat li Spiteri Holdings kellha terġa' tidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji minħabba li, fin-nuqqas, kien se jiġi kkawżat preġudizzju lill-kumpanniji esponenti, bil-mod testwalment segwenti:*

*"Għar-rigward tal-każ tal-lum, din il-Qorti tgħid illi r-rikorrenti jikkwalifikaw biex jitolbu rimedju skond is-sub-artikolu (4) billi huma persuni li għandhom interess. [...] Fil-każ ta' persuni b'interess, il-liġi testwalment ma tirreferix għal preġudizzju pero' huwa evidenti li l-preġudizzju huwa konsiderazzjoni li tkun trid tagħti l-Qorti kemm għar-rigward ta' min ikun qiegħed jagħmel it-talba, kif ukoll għall-fondatezza tar-raġunijiet tiegħu";*

*ILLI l-proċeduri kollha suriferiti fil-paragrafu bin-numru 3 li minħabba fihom hemm il-ħtieġa li l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 jinżamm fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji (u anke dawk mhux speċifikati),*

*għadhom ma ġewx deċiżi b'mod finali sal-ġurnata tal-lum – din l-informazzjoni tinstab fid-dominju pubbliku u setgħet ġiet ivverifikata mir-Reġistratur tal-Kumpanniji faċilment;*

*ILLI konsegwentement, sal-ġurnata tal-lum, it-tħassir mir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 se jikkawża preġudizzju lill-kumpanniji esponenti;*

*ILLI madanakollu, l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16853 reġa' ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, għal darb'oħra ai termini tas-sub-inċiż (2) ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386, b'effett mis-7 ta' Marzu 2021;*

*ILLI konsegwentement, il-kumpanniji esponenti għandhom interess li jħossuhom aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited reġa' ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji bis-saħħa ta' l-imsemmi sub-inċiż (2) ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386, u għalhekk l-esponenti umilment isostnu li huwa xieraq illi l-isem tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited jerġa' jidħol fir-Reġistru, sew sabiex l-istess kumpannija tibqa' twieġeb għat-talbiet attriċi fil-proċeduri hawn fuq indikati, u sew sabiex l-esponenti ma jiġux ippreġudikati fid-drittijiet legali tagħhom kontra l-istess kumpannija, partikolarment f'każ ta' eżitu sfavorevoli fil-proċeduri suriferiti fil-paragrafu bin-numru 3, ilkoll rigwardanti l-artijiet formanti l-oġġett tas-sitt kuntratti suriferiti fil-paragrafu bin-numru 2;*

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2022, dehret l-Avukat Sephora Agius għas-soċjetajiet rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza fuq talba tar-rikorrenti, l-Qorti ordnat li jiġu allegati l-atti tal-proċess 39/16JZM deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 2016.

Rat ir-rikors tar-Reġistratur tal-Kumpaniji intavolat fl-1 ta' Ġunju 2022 (fol 29) li permezz tiegħu talab il-kjamata in kawża ta' Domenico Savio Spiteri u rat ir-risposta tar-rikorrenti intavolata fis-17 ta' Ġunju 2022 (fol 32) li permezz tagħha l-istess talba ġiet opposta.

Rat id-Digriet tagħha tal-20 ta' Ġunju 2022 (fol 36) li permezz tagħha laqgħet it-talba tar-Reġistratur intimat u ordnat il-kjamat in kawża ta' Domenico Savio Spiteri.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022, il-Qorti nnotat li għalkemm il-kjamat in kawża Domenico Savio Spiteri ġie debitament notifikat fis-6 ta' Lulju 2022 huwa baqa' ma ppreżentax risposta għal dawn il-proċeduri u għalhekk il-Qorti tqis lill-istess Domenico Savio Spiteri kontumaċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022, is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw nota (fol 41) b'affidavit ta' Raymond Aquilina, b'dokumenti annessi (Dok RA, fol 42 sa fol 51) u ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022, id-difensur tal-intimat iddikjarat li m'għandhiex aktar provi xi tressaq, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta` rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li jikkontendu li permezz ta' provvediment tat-23 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Terra Mediterranea Limited et vs Reġistratur tas-Soċjetajiet** (Rik 39/2016), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ordnat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex il-kumpanija **Spiteri Holdings Limited (C-16853)** terġa` tidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji wara li l-isem tal-istess kumpanija ġie mħassar mir-Reġistru b'effett mid-19 t'Awwissu 2011 u dana stante li s-soċjetajiet rikorrenti għandhom proċeduri pendenti kontra l-istess soċjeta Spiteri Holdings Limited, liema proċeduri huma s-segwenti:

1. Elton u Cheryll Penza kontra Terra Mediterranea u Champs Mediterrain, li Spiteri Holdings ġiet imsejħa fiha (Ref 299/2004 MCH),
2. Leonard Sciberras kontra Terra Mediterranea u Champs Mediterrain, li Spiteri Holdings ġiet imsejħa fiha (Ref 125/2011 MCH),
3. Champs Mediterrain u Terra Mediterranea kontra l-Awtorita ta' l-Artijiet, il-Kurja, ur-Reġistratur tal-Artijiet u l-Awditur Ġenerali fejn qiegħed jintalab li tiġi ddikjarata nulla r-reġistrazzjoni tal-imsemmija artijiet mill-Gvern ta' Malta, li qiegħed jippretendi li huwa s-sid tal-istess artijiet. (Ref 489/2004 MCH).

Jikkontendu li l-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji kien debitament intimat fil-proċeduri fuq imsemmija u għalhekk kien konxju mid-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn ġie ordnat li Spiteri Holdings kellha terġa` tidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji minħabba il-preġudizzju li kienu ser jew setgħu isofru s-soċjetajiet rikorrenti.

Isostnu li l-istess proċeduri li minħabba fihom ingħata dak il-provvediment għadhom sa llum pendenti, liema informazzjoni tinsab fid-dominju pubbliku u setgħet ġiet ivverifikata mir-Reġistratur intimat.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

Jgħid illi r-Reġistratur bagħat l-ittri u għamel il-pubblikazzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi u s-soċjetajiet rikorrenti setgħu faċilment oġġezzjonaw għat-tneħħija tal-isem tal-kumpanija mir-Reġistru iżda dan m'għamluhx u għal din ir-raġuni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi tip ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma dan il-każ.

Madanakollu, finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu.

## Ikkunsidrat ulterjormnet:

Illi fl-affidavit tiegħu, Raymond Aquilina jgħid li hu jokkupa l-posizzjonijiet uffiċjali kollha (minbarra dik t'awditur) fis-soċjetajiet rikorrenti. Jgħid li kien responsabbli kemm meta twaqqfu u kemm meta akkwistaw l-artijiet ġewwa tal-Ibraġġ mingħand Spiteri Holdings Limited permezz tal-kuntratti, hemm elenkati, fejn is-soċjeta Spiteri Holdings Limited kienet iggarantiet il-paċifiku pussess.

Jispjega li wara li saru dawn il-kuntratti bdew sensiela ta' tliet kawżi rigward it-titolu tal-istess art, li lkoll għandhom pendenti.

Jgħid li fit-23 ta' Frar 2016, il-Qorti kienet laqgħet it-talba ta' Terra Mediterranea Limited u Champs Mediterrain Limited u ordnat li Spiteri Holdings terġa` titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u wara dan it-tliet kawżi msemmija baqgħu jinstemgħu b'mod regolari u l-ewwel kawża ċitata waslet fi stadju t'appell.

Jispjega li meta wasal biex jistema` l-imsemmi appell u ġiet biex tiġi notifikata Spiteri Holdings Limited bl-avviż tas-smigħ irriżulta li r-Reġistru tal-Kumpaniji kien reġa` ħassar lil Spiteri Holdings minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mis-7 ta' Marzu 2021. Jgħid li sabiex ikun jista` jinstema` l-appell, huwa kruċjali li l-kumpanija terġa` titpoġġa fuq ir-Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Spiteri Holdings Limited (C-16853) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjetajiet rikorrenti għandhom proċeduri pendenti quddiem il-Qorti li jeħtieġu l-involviment ta' Spiteri Holdings Limited.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu raġun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, is-soċjetajiet rikorrenti indikaw li l-kumpanija fil-fatt għad hemm il-bżonn li tibqa attiva sabiex is-soċjetajiet rikorrenti jkunu jistgħu jenforzaw id-drittijiet tagħhom fil-konfront tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Spiteri Holdings Limited (C-16853) minn fuq ir-Reġistru, pero` s-soċjetajiet rikorrenti għandhom interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huma jitolbu b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti tosserva li l-intimat Reġistratur, qabel ma ħassar isem il-kumpanija Spiteri Holdings Limited minn fuq ir-reġistru, segwa u ssodisfa r-rekwiżiti kollha li jitlob il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex seta' jagħmel dan. Tosserva pero` illi fejn ikun kaz ta' kumpannija illi isimha diga' jkun thassar minn fuq ir-Registru u rega' gie ri-integrat, ikun utili illi r-Registratur intimat jara ftit id-decizjoni ta' din il-Qorti sabiex jara jekk ir-ragunijiet ghar-ri-integrazzjoni ghadhomx in effetti jissussistu. F'dan il-kaz odjern, semplici ricerka fuq il-*web-site* tal-Qorti u r-Registratur intimat kien jintebah mill-ewwel illi t-tlett kawzi msemmija kienu dak in-nhar tal-provvediment u <u>anke llum</u>, pendenti. F'cirkostanzi bhal dawn, ir-Registratur jifhem illi bit-tnehhija ta' isem is-socjeta` kummercjali minn fuq ir-Registru, ikun qed jerga' jigi ostakolat il-kors tal-gustizzja tal-kawza/kawzi fejn dik is-socjeta' hija involuta – u ghalhekk ikun desiderabbli illi tali kumpannija ma tergax tigi kancellata, almenu f'dak il-waqt. Il-Qorti qed tghid dan konsapevoli mill-fatt ukoll illi jsir avviz pubbliku

u kull terz ghandu dritt joggezzjoni ghat-tnehhija ta' kumpannija minn fuq ir-Registru. Jibqa' l-fatt illi jekk jirrizulta illi l-kawzi ghadhom pendenti u qed jipprogressaw, allura aktarx ikun inutli ghar-Registratur illi addirittura jibda' procedura ta' kancellament.

Issa l-Qorti tosserva ukoll illi Domenico Savio Spiteri, detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 16160G kien gie msejjah fil-kawza, u ghalkemm debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci. Dan Domenico Savio Spiteri jirrizulta illi huwa ufficjal tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited (C-16853), u *qua* ufficjal, kif jirrizulta minn dak sottomess mir-Registratur intimat, huwa kien responsabbli ghan-nuqqasijiet li wasslu ghall-kancellament tas-socjeta' msemmija minn fuq ir-Registru, liema kancellament wassal ghall-pregudizzju soffert mis-socjetajiet rikorrenti, liema pregudizzju qieghed illum jigi rimedjat.

Issir referenza ghal dak li nghad fid-digriet moqri fil-miftuh fil-kawza kostituzzjonali 93/2018JZM f-ismijiet Emanuel Delia vs L-Onor. Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali et tal-14 ta' Jannar 2019, fejn intqal hekk:

> *Intervenut ghandu posizzjoni guridika diversa minn dik ta` kjamat fil-kawza ghaliex filwaqt li l-intervenut jitqies bhala osservatur fil-kawza, il-kjamat fil-kawza jsir parti u jilbes il-vesti ta` konvenut jew intimat.*
>
> *Anke ghal dawk li huma spejjez, il-posizzjoni tal-intervenut hija distinta ghaliex filwaqt li l-partijiet (inkluz kjamat fil-kawza) huma soggetti ghall-kundanna mill-qorti tal-hlas ta` spejjez, l-intervenut ghax huwa osservatur, ibati l-ispejjez tieghu.*

Issa l-Qorti tifhem illi t-talbiet rikorrenti ma jistghax jirrispondi strettament ghalihom il-kjamat in kawza, l-ufficjal tal-kumpannija, izda din il-Qorti thoss ukoll illi ghandha taghmel, kif ghamlet fid-digriet taghha tal-20 ta' Gunju 2022, referenza ghall-Artikolu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li a bazi tieghu qed issir din l-azzjoni. Dan ighid testwalment hekk:

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa*

> *ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar</u>. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti ghalhekk, meqjus dak li tghid il-ligi, mhux lanqas li din il-Qorti qeghda tinghata dak mitqies bhala diskrezzjoni wiesa', ghandha s-setgha illi taghti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u taghti dawk id-direzzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa fir-rigward sabiex il-kumpannija u l-<u>persuni l-ohra kollha</u> jitqieghdu fl-istess pozizzjoni vicin dik li kieku isem il-kumpannija ma thassarx.

Issa tenut kont illi l-ufficjal tal-kumpannija indikat u kjamat in kawza baqa' kontumaci meta anke notifikat bin-nuqqasijiet tieghu illi wasslu biex il-kumpannija giet ikkancellata – thoss gust li tipprovdi mhux biss billi tordna illi l-kumpannija titpogga lura fuq ir-registru sabiex il-pregudizzju soffert mis-socjetajiet rikorrenti jigi rimedjat, imma ukoll illi tipprovdi sabiex il-kjamat in kawza Domenico Savio Spiteri, *qua* ufficjal tal-kumpannija, jiehu hsieb illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur intimat.

Ghaliex altrimenti, il-Qorti tkun qeghda, ghal finijiet limitati imma gustifikati tar-rikorrenti, tordna t-tpoggija lura ta' kumpannija fuq ir-Registru meta tali kumpannija ma jisthoqqiliex titpogga lura minhabba l-irregolaritajiet taghha li kienu u ghadhom maghha, minghajr ma' l-Qorti tkun hadet mizuri u tat ordnijiet sabiex dik il-kumpannija, una volta lura fuq ir-Registru, tkun sahna u skond il-ligi.

Il-Qorti tifhem illi dan hawnekk deciz jista' jiddipartixxi mir-regoli stretti tal-istitut tal-kjamat in kawza, izda fl-istess hin qed taghmel uzu mill-ligi, inoltre` *lex specialis*, sabiex tara illi kemm jista' jkun l-affarijiet isiru b'mod komplet, shih u fl-ahjar interess mhux biss tal-gustizzja, imma ukoll ta' Registru tas-Socjetajiet sahan, tajjeb u b'sahhtu illi jimmerita illi jkollna u li trid illi jkollna l-istess ligi.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti ghar-ragunijiet hawnekk moghtija u sejra ukoll tipprovdi, bil-poteri lilha moghtija bil-ligi, sabiex jigi assigurat illi l-kumpannija li ser terga' titpogga lura fuq ir-Registru tigi regolarizzata una volta mpoggija lura fuq ir-Registru u ma tibqghax fi stat ta' illegalita`, u dan billi min ghandu l-obbligi fil-ligi josservhom, min ghandu d-doveri fil-ligi illi jzomm kumpannija registrata sahna u f'sikkitha, jaghmilha, filwaqt illi min ghandu dritt bil-ligi jenforza tali obbligi, jaghmel dan.

Il-Qorti ssib konfort taghmel dan mhux biss fid-dawl tal-proveddimenti hawn fuq citati, imma ukoll fid-dawl ta' dak stipult fl-**Artikolu 427(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** li ighid testwalment hekk:

> *Kumpanija tkun responsabbli <u>in solidum mal-uffiċjali tagħha</u> għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.*

Il-Qorti qed tiehu din il-posizzjoni ukoll fid-dawl tal-fatt illi mhux xieraq illi terzi u r-Registratur intimat ikollhom jaffaccjaw proceduri bhal dawn minhabba nuqqasijiet u irresponsabbilita' ta' ufficjali ta' kumpannija li ma jaghtux kaz l-obbligi taghhom skond il-ligi.

Mill-atti jirrizulta illi l-kumpannija de quo ilha mis-sena 1998 ma tibghat prospetti u/jew kontijiet annwali u baqghet inadempjenti anke meta din il-kumpannija kienet giet restitwita lura fuq ir-Registru l-ewwel darba.

Il-Qorti tqis illi minkejja illi l-kumpannija giet restitwita lura fuq ir-Registru fis-sena 2016 ghall-istess ragunijiet tal-llum, b'dana kollu, sakemm regghet tnehhiet fuq ir-Registru ghat-tieni darba fis-sena 2021, il-kumpannija kienet baqghet ma ghamlet xejn biex tirregolarizza l-posizzjoni taghha. Ghall-Qorti din mhix sitwazzjoni felici u m'ghandiex tkun. Il-Qorti thoss illi sitwazzjoni ta' illegalita' kontinwa bhal din ta' kumpannija fuq ir-Registru jinhtieg illi tigi rimedjata.

Jirrizuta ukoll illi r-Registratur intimat, qabel ma wasal biex nehha isem il-kumpannija de quo minn fuq ir-Registru ghat-tieni darba, kiteb u kkomunika mal-kjamat in kawza Domenico Savio Spiteri sabiex

jirregolarizza il-posizzjoni tal-kumpannija, izda dan baqa' inadempjenti. Ingieb ukoll konxju tal-fatt illi jekk ma jirregolarizzax il-posizzjoni, allura il-kumpannija kienet ser titnehha minn fuq ir-Registru. Jidher u jirrizulta illi kien komdu l-ufficjal *de quo* ma jaghmel xejn – imma dan ghal Qorti mhux accettabbli, ghaliex jirrizultalha evidenti illi l-ufficjal tal-kumpannija msemmi ma tax kaz l-obbligi tieghu bir-rizultat ahhari u wahdani illi r-Registratur ghamel xogholu u mbaghad segwew il-konsegwenti prezenti proceduri. Kollox seta' u messu gie evitat billi l-ufficjal jaghmel xogholu, jaqdi d-doveri tieghu u jassumi r-responsabbilitajiet illi tpoggi fuqu il-ligi taghha gja la darba jilbes il-kappell ta' ufficjal tal-kumpannija.

Kull ufficjal ta' kull kumpannija ghandhu jifhem illi tali pozizzjoni iggib responsabbilitjiet legali mportanti maghha u dawk ir-responsabbilitajiet ghandhom jintrefghu. Fin-nuqqas, mhux biss jistghu jigu pregudikati terzi bhal fil-kaz tal-llum, imma jkun anke jfisser illi r-Registratur ikollu d-dritt illi jinqeda' bi proceduri legali kontra tali ufficjali – u allura, ukoll ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta' multiplikazzjoni ta' proceduri, il-Qorti thossha komda ukoll taghti provvediment bhal dan u direzzjoni bhal din hawnekk maghmula.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi xieraq illi tilqa' t-talbiet tas-socjetajiet rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Spiteri Holdings Limited (C-16853)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Spiteri Holdings Limited (C-16853)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Spiteri Holdings Limited (C-16853)** m'għandux jerġa jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanija jekk kemm -il

darba l-istess Reġistratur ma jkunx notifikat li l-proċeduri pendenti fil-konfront tal-istess soċjeta` fuq ċitata ma jkunux għaddew in ġudikat u fin-nuqqas ta' tali notifika, ma jkunx hu kkonferma it-tmiem tal-imsemmija proceduri legali.

5. **Fil-ħames lok**, tordna, illi in vista tal-ordni preċedenti, s-soċjetajiet rikorrenti għandhom jżommu lir-Reġistratur infurmat b'mod regolari dwar l-istadju li fih ikunu waslu l-imsemmija proċeduri.

6. Ulterjorment u **fis-sitt lok**, tordna lill-ufficjal tal-kumpannija Spiteri Holdings Limited (C-16853) hawnekk kjamat in kawza, fl-isem ta' Domenico Savio Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' numru 16160G, sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tal-kumpannija tieghu sa zmien sitt xhur mid-data ta' dan il-provvediment, u fin-nuqqas, senjatament ghal finijiet ta' penalitajiet li huma dovuti u hlasijiet ohra pendenti minnhu u mill-kumpannija msemmija flimkien u in solidum bejniethom **sal-llum** dovuti lir-Registratur intimat, dan il-provvediment ghandu jitqies bhala titolu ezekuttiv ghar-Registratur intimat sabiex jipprocedi biex jenforza d-drittijiet tieghu skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 253(a) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. **Fis-seba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Spiteri Holdings Limited (C-16853)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**